# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 698/97

Mario Xuereb

vs

Direttur Dipartiment tal-Agrikoltura

Illum 24 ta' April, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-20 ta' Gunju 1993 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li nghata transfer vendikattiv.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor illi r-rikorrent dahal jahdem l-ghammieri bhala "farmer" fl-1983 u illi minhabba li r-rikorrent ibati bl-asthma huwa talab li jigi trasferit minn dan il-post tax-

xoghol. Illi fl-20 ta' Ottubru 1986, ir-rikorrent kien gie trasferit biex jibda jaghmel "watchman duties" gewwa l-Buskett.

Illi fl-20 ta' Gunju 1993 ir-rikorrent kien gie trasferit ghal Wied Incita biex jaghmel xoghol ta' gardinar. Illi r-rikorrent qatt ma nghata raguni il ghaliex kien sar dan it-trasferiment minhabba liema trasferiment ir-rikorrent kien tilef il-benficcju tax-xift allowance u anke l-overtime ghall-Hdud u l-festi.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib quddiem dan it-Tribunal, biex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda kollha indikati fir-rikors.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-att ta' l-1997, dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata kumpens xieraq ghax-xift allowance u l-overtime li huwa tilef, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi li hu xieraq dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur tal-Agrikoltura li eccepixxa:

Illi preliminarjament dan ir-rikors ma ghandu l-ebda effett kontra l-intimat stante illi l-Avukat Generali ma giex notifikat bl-istess

rikors ai termini tal-artikolu 181(B)(3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent ma jikkostitwiex wahdu prova illi saret xi distinzjoni indebita fil-konfront tieghu ai termini tal-artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu dan li gej xi jghid.

Illi r-rikorrent beda l-impjieg tieghu bhala ***skilled labourer*** fis-7 ta' Gunju 1983 u hu ha l-grad ta' bidwi b'effett mit-22 ta' Jannar 1985.

Illi ghalkemm bejn l-1986 u l-1993 ir-rikorrent ghamel xoghol ta' watchman minhabba l-esigenzi tas-servizz civili huwa seta dejjem jirrifjuta u jaghmel l-ilment tieghu illi jrid jaghmel xoghol li jaqa' taht l-iskala ta' ***other industrial trades.***

Illi l-grad ta' bidwi u dak ta' gardinar jaqghu taht l-istess skala ta' ***other industrial trades*** u ghalhekk ir-rikorrent ma sofra l-ebda ingustizzja meta fl-1993 ha l-grad ta' gardinar ghaliex zamm l-istess grad illi kellu.

Illi t-trasferimenti tar-rikorrent saru minhabba l-esigenzi tas-Servizz.

Ghaldaqstant l-intimat jissottometti li ma hemm xejn allegat fir-rikors li jista' jiggustifika r-rimedju mitlub.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili dfiensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi l-Avukat Generali gie notifikat bir-rikors fl-10 ta' Mejju 1999, u ghalhekk taqa' l-ewwel eccezzjoni.

Illi fil-15 ta' Lulju 1999 ir-rikorrent ikkonferma l-kontenut tar-rikors tieghu bil-gurament. In kontro-ezami xehed li fl-1985 ha il-grad ta' bidwi. Mill-1985 sa l-1993 kiena jaghmel xoghol ta' watchman duty u kien jahdem bix-xift u ma kienx jaghmel xoghol ta' bidwi. Hu kien ipprezenta certifikat mediku biex jibqa' jahdem bhala watchman izda kienu jghidulu li dan mhuwiex accettabli, la tal-Professur ta' l-isptar u lanqas tal-privat. Mill-1993 sa l-1997 baqa' jaghmel dan ix-xoghol ta' bidwi u dan il-perjodu baqa' jipprezenta c-certifikati medici. Qal: "Jiena biddilt ix-xoghol peress li jiena kont tlabt ghall-trasferiment u inghatajt dan it-trasferiment u mhux ghax accettawli dan ic-certifikat mediku."

Joseph Bonello li spicca minn mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura fin-1995 fil-kariga ta' AO1 li kien fil-grad ta' Agricultural Officer 1. Ghal xi zmien kien jahdem mar-rikorrent u kien l-imghallem tieghu fin-1993 u 1995. Zied jghid: "Niftakar li s-Sur Anthony Buttigieg, kien iz-zmien ma niftakarx ezatt meta, kellem lir-rikorrent, u qallu biex ma jibqax jahdem ta' watchman u jibda jahdem ta' gardinar…Nghid li kull meta tikber il-procedura trid tinqala' minn fejn tkun… is-Sur Buttigieg kien qalli biex jien nghid lir-rikorrent, ma jibqax jahdem ta' watchman. Jien ghidtlu biex ikellmu u jaghtih l-ordni. Fil-fatt is-Sur Buttigieg kien kellem lir-rikorrent, u kien qallu biex jibda jahdem ta' gardinar. Imbaghad fil-fatt ir-rikorrent beda jahdem ta' gardinar, ghax kien ha l-promozzjoni ghall-grad ta' gardinar. Jigifieri meta tlaqt jiena fin-1995, ir-rikorrent kien diga qed jaghmel xoghol ta' gardinar…Nghid li minn meta sar gardinar ir-rikorrent, huwa ma setax ikompli jahdem ta' watchman. U fil-fatt ir-rikorrent kien infurmani u huwa kien ser jaghmel ezami ta' gardinar."

Joseph Buttigieg li spicca minn mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura fin-1996 fil-grad ta' Principal Agricultural Officer semma li jaf lir-rikorrent izda ma kienx jahdem direttament mieghu. Hu kien jiehu hsieb l-overall policies. Ftakar li minn xoghol ta' watchman, ir-rikorrent kien ha xi promozzjoni, ghal gardinar. Il-grad ta' gardinar kien grad ta' improvement. Qal li hija procedura normali fid-dipartiment, illi jekk wiehed ikollu l-grad ta' labourer, u jinghata grad ta' improvement jew gardinar, din il-persuna tibda taghmel xoghol, ta' gardinar ghax ovvjament ser jibda tithallas ta'

gardinar. Carmel Aquilina rapprezentant tad-dipartiment ta' l-Agrikoltura xehed li r-rikorrent l-ewwel kien mad-dipartiment ta' l-agrikoltura, bhala apprentist, umbaghad aktar 'l quddiem kien sar skilled labourer fis-7 ta' Gunju 1983. Bhala decizzjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, ir-rikorrent flimkien ma xi nies ohra lahqu fi group D, u Grupp D jfisser li huwa gie, fil-grad ta' farmer. Dan il-grad ta' farmer kien grad oghla minn dak ta' skilled labourer. Din id-decizjoni li r-rikorrent flimkien m'ohrajn kien lahaq bhala farmer fi Group D, kienet ittiehdet fit-26th April 1993 izda backdated b'effett mid-data 22nd January 1985. Wara li r-rikorrent kien skilled labourer, kien jaqa' taht li jaghmel xoghol ta' light duties, u fil-fatt kien jaghmel xoghol ta' watchman. Bhala grad ir-rikorrent illum il-gurnata ghadu jinsab fil-grad ta' farmer.

Il-paga ta' farmer hija oghla minn dik ta' watchman. Esebixxa dokument li huwa prospett lli juri l-ammont li ha r-rikorrent mid-decizjoni in segwitu tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u jidher l-ammont totali, ta' Lm1562.61.8.

**KONKLUZJONI:**

Dan ir-rikors fil-fatt hu semplici hafna izda dak li hu ovvju ghal kulhadd mhux ovvju ghar-rikorrent. Hawn ghandna kaz semplici fejn ir-rikorrent inghata promozzjoni ghal farmer li hi oghla minn dik ta' watchmen u li naturalment fiha paga aktar. Ir-rikorrent kien ukoll inghata xi beneficcji finanzjarji in segwitu ta' decizzjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

L-intimat spjega li t-transfer li inghta r-rikorrent kien in segwitu tal-promozzjoni li ha u li ma kien hemm xejn vendikattiv. Hawn it-Tribunal ma jsib xejn li jipprova li saret xi ingustizzja. Jigri kull tant zmien li jidhru rikorrenti quddiem it-Tribunal u jilmentaw mill-fatt li ma baqghux igawdu l-allowances li kellhom qabel. Izda dan b'ebda mod ma jammonta ghal ingustizzja ghax jekk tiehu promozzjoni titlef dak li jkollok qabel u tiehu l-promozzjoni. Altrimenti wiehed ikun qieghed jppretendi li b'id izomm il-vantaggi li ghandu fil-prezent u bl-id l-ohra dawk li kellu qabel. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.